C/2024/1747

26.2.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

Każ M.11475 — MITSUI / OSAKA GAS / RWE KK / JV

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/1747)

1. Fis-16 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsui & Co., Ltd. ("Mitsui", il-Ġappun),

— Osaka Gas Co., Ltd ("Osaka Gas", il-Ġappun), ikkontrollata minn Daigas Group (il-Ġappun),

— RWE Offshore Wind Japan Murakami-Tainai K.K. ("RWE KK", il-Ġappun), ikkontrollata mill-Grupp RWE (il-Ġermanja).

Mitsui, Osaka Gas, u RWE KK se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta ġdida ("IK").

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Mitsui hija kumpanija dinjija tal-kummerċ, tal-ġestjoni tan-negozju u tal-iżvilupp tal-proġetti attiva f'ħafna attivitajiet ekonomiċi (inklużi l-prodotti tal-ħadid u tal-azzar, ir-riżorsi minerali u tal-metall, l-infrastruttura, il-mobbiltà, is-sustanzi kimiċi, l-enerġija, ir-riżorsi tal-ikel, is-servizzi tal-konsumatur, it-teknoloġija tal-informazzjoni, il-komunikazzjoni, u l-iżvilupp korporattiv).

— Osaka Gas hija kumpanija tal-enerġija ddedikata għal (i) il-produzzjoni, id-distribuzzjoni, it-trasport, u l-provvista taż-żejt u tal-gass naturali, l-enerġija, il-gass naturali likwifikat, kif ukoll (ii) soluzzjonijiet inklużi l-iżvilupp u l-kiri ta' proprjetajiet immobbli, servizzi tal-ipproċessar tal-informazzjoni, il-bejgħ ta' materjali fini u prodotti ta' materjal tal-karbonju.

— RWE KK hija kumpanija b'veikoli bi skop speċjali stabbilita mill-Grupp RWE, grupp ta' kumpaniji attivi l-aktar fil-ġenerazzjoni u l-kummerċ tal-enerġija, biex tipparteċipa f'irkanti futuri fil-Ġappun.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-IK se jkunu l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-operat ta' park eoliku offshore fil-Ġappun.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11475 — MITSUI / OSAKA GAS / RWE KK / JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË